# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 1049/00**

**Numru 31**

**Titan International Limited**

**vs**

**Anthony Grixti**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija hamsa u sebghin liri Maltin (Lm375), bilanc ta' prezz ta' air-conditioner mibjugh u installat ghand il-konvenut u dan kif jidher mill-fattura annessa mal-avviz u mmarkata dokument A u mir-rendikont anness u markat Dok B.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti a fol 2A u a fol 2 tal-istess atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 19 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment (ara fol 14 u fol 15 tal-istess atti), il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm375.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1049/00JAB